

Opinjoni fuq inizzjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-politika dwar il-foresti: il-miri tal-20/20/20

(2010/C 141/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jilqa' sensiela ta' attivitajiet u inizzjattivi politiċi tal-UE li jkunu jobbligaw lill-Istati Membri li jgħibu l-politiki nazzjonali tagħhom dwar il-foresti konformi mal-oġġettivi tal-UE;
- jenfasizza li s-settur tal-foresterija u tal-injam joffri potenzjal sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2020 u jemmen li għandu jiġi eżaminat aktar l-użu possibbli mid-dħul tas-sistema għall-iskambju tal-kwoti (ETS) biex jappoġġjaw l-inizzjattivi f'dan il-qasam;
- jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' foresti multifunzjonali;
- jilqa' l-inizzjattivi tal-UE biex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, jgħbed l-attenzjoni għall-fatt li l-friegħi u l-weraq mejta, li fihom kważi 90 % tat-traċċi tas-sustanzi li l-pjanti jassorbu fil-proċess tal-assimilazzjoni u l-bini tal-massa tal-injam, huma proporzjon mill-bijomassa li tinħasad fl-UE. Dan jista' jwassal għat-tfaqqir tal-ħamrija;
- jaqbel għal kollox mal-inizzjattivi kollha biex jintuża' l-injam u prodotti oħra tal-foresti li jiġu minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli. B'mod partikolari, dan japplika għall-materjal għall-enerġija u għall-materja prima; iħeġġeġ li fil-livelli differenti tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġi kkunsidrat li tiġi stabbilita data għad-dħul tal-obbligu taċ-ċertifikazzjoni madwar l-UE;
- jirrakkomanda li r-reġjuni li jdaħħlu politiki sostenibbli dwar il-foresti li jtaffu t-tibdil fil-klima jiġu appoġġjati: inċentivi għan-negozji fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa, sussidji għall-innovazzjoni, kuntratti preferenzjali għall-bejgħ ta' prodotti forestali, assistenza teknika u teknoloġika u sussidji għall-ħarsien ambjentali.

Relatur: Is-Sur Adam Banaszak (PL/UEN-EA), Membru tal-assemblea reġjonali tal-Kujawsko-Pomorskie

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rakkomandazzjonijiet ewlenin

1. jinnota li l-foresti – li jaħżnu iktar minn nofs il-karbonju tad-dinja fil-bijomassa tagħhom – jistgħu jiġġieldu t-tibdil fil-klima, u għalhekk id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma perikolużi għall-ambjent u l-klima tagħna. Għalhekk huwa assolutament vitali li nsegwu politika ta' foresterija li tkun sostenibbli;

2. jemmen li l-ekosistemi naturali jinsabu f'bilanċ delikat u li d-diversità tal-ħajja tal-pjanti u l-annimali hija kruċjali għas-saħħa u l-benesseri tagħna. Il-foresti indiġeni/naturali huma abitati importanti u għandhom jiġu mmexxija skont il-liġijiet tal-foresti u dawk reġjonali. Għaldaqstant, l-Istati Membri u r-reġjuni għandu jkollhom il-possibbiltà li jieħdu deċiżjoni kontra t-tħawwil ta' speċijiet ta' siġar u pjanti ġenetikament modifikati;

3. jilqa' l-promozzjoni mill-Kummissjoni tal-użu tal-bijomassa tal-foresti għall-produzzjoni tal-enerġija u japprezza l-appoġġ li l-Kumitat Permanenti dwar il-Foresti għal dan it-tip ta' azzjoni. Dan wassal għal żjieda, anke jekk hija żgħira wisq, fil-proporzjon ta' enerġija rinnohabbli prodotta minn dan is-sors. Fl-istess waqt, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-friegħi u l-weraq mejta, li fihom kważi 90 % tat-traċċi tas-sustanzi li l-pjanti jassorbu fil-proċess tal-assimilazzjoni u l-bini tal-massa tal-injam, jirrappreżentaw proporzjon mill-bijomassa li tinħasad fl-UE. Proporzjon kbir wisq jista' jwassal għat-tfaqir tal-ħamrija. Dan għandu jitqies ukoll meta jingħażel il-metodu għall-ħsad tal-injam. F'siti tal-foresti kritiċi, li diġà ftit li xejn għandhom nutrijenti, il-friegħi u l-parti ta' fuq tas-siġra għandhom jibqgħu fil-post minn fejn tinqata' s-siġra u/jew fil-foresti;

4. jenfasizza li s-settur tal-foresterija u l-injam joffri potenzjal sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2020. Dan għad irid jiġi sfruttat kompletament, speċjalment il-potenzjal biex il-proporzjon tal-bijomassa tal-foresti li jintuża bħala materja prima u materjal fil-produzzjoni tal-enerġija jiżdied b'mod sostanzjali, inkluż it-tħawwil ta' siġar li jikbru malajr. Jinnota li l-użu tal-injam bħala materja prima u għall-produzzjoni tal-enerġija jaħdem kontra t-tibdil fil-klima billi jaħżen il-karbonju (ħżin fl-injam), inaqqas l-enerġija għall-produzzjoni meta mqabbel ma' materjal tal-bini ieħor, inaqqas l-enerġija għat-tisħin matul ix-xitwa u l-enerġija għat-tkessiħ matul is-sajf (iżolazzjoni tal-injam) kif ukoll jissostitwixxi l-karburanti fossili fil-produzzjoni tat-tisħin u tal-elettriku (karburanti tal-injam, riċiklaġġ termiku tal-injam qadim). Għandu jiġi eżaminat aktar x'użu possibbli jista' jsir mid-dħul tas-sistema għall-iskambju tal-kwoti (ETS) għall-appoġġ ta' dawn l-inizjattivi u ta' oħrajn;

5. huwa tal-fehma li hemm bżonn li tingħata spinta b'mod raġonevoli lill-foresterija għall-intensifikazzjoni tal-produzzjoni ta' injam biex jinħadem li fl-istess ħin ser twassal għal żieda fl-injam għall-enerġija;

6. filwaqt li jinnota n-nuqqas ta' politika komuni dwar il-foresti, iqis li l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Foresti tal-UE għall-2007–2011 huwa ċaqliqa fid-direzzjoni t-tajba għall-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, jirrakkomanda, li x-xogħol ħalli l-attivitajiet transsettorjali tal-foresterija tal-Kummissjoni Ewropea jiddaħħlu f'qafas legali u strutturali adattat jibda mingħajr dewmien biex jippermetti ħidma koordinata f'dan il-qasam wara l-2011. Barra milli jiġi indikat pjan ta' azzjoni għas-sinjura ta' wara, jista' jitwaqqaf korp koordinat tal-UE fil-qasam tal-politika dwar il-foresti tal-UE;

7. jappoġġja d-disponibbiltà ta' informazzjoni u korsijiet ta' taħriġ għas-sidien tal-foresti dwar l-opportunitajiet li toffri l-foresterija li titmexxa skont il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u għalhekk tieħu ħsieb kemm il-ħarsien tal-bijodiversità kif ukoll il-produzzjoni ta' siġar ta' kwalità u l-kultivazzjoni ta' speċi ta' siġar li jikbru malajr għall-iskopijiet tal-enerġija. Jirrakkomanda li s-sidien tal-foresti jingħataw appoġġ komprensiv li jinkludi pariri u appoġġ finanzjarju biex jilhqnu dawn l-oġġettivi;

8. jappoġġja riċerka u inizjattivi xjentifiċi mmirati li jiżviluppaw hsaad tal-injam u teknoloġiji tal-produzzjoni li jkollhom impatt ambjentali inqas qawwi mill-metodi tradizzjonali (inkluż it-tħawwil ta' siġar għall-użu tal-enerġija), kif ukoll dawk li jnaqqsu l-ispejjeż tal-ġestjoni waqt li jippromovu l-iżvilupp sostenibbli;

9. jilqa' u japprezza r-riżultati tal-iskemi taċ-ċertifikazzjoni volontarja eżistenti, u jappoġġja ż-żamma tagħhom jirrakkomanda li jissaħħu b'mod wiesa' b'miżuri oħra fosthom l-istrumenti finanzjarji: aktar tard, iċ-ċertifikati għandhom jikkontribwixxu wkoll bħala strument għat-trażżin tal-kummerċ illegali tal-injam u l-prodotti tal-injam; jissuġġerixxi li dan għandu jkun parti minn sforzi akbar lejn iċ-ċertifikazzjoni fuq skala globali. Jirrakkomanda li, b'konformità ma' inizjattivi bħall-FLEGT (Forest Law Enforcement Governance and Trade), l-importazzjoni jew il-pussess tal-injam li jkun ġie prodott illegalment f'pajjiżi barra l-UE jsiru illegali. Madankollu jfakkar li l-kondizzjonijiet legali u ekonomiċi għaċ-ċertifikazzjoni u l-istatus ta' Natura 2000 ivarjaw ħafna madwar l-Istati Membri u r-reġjuni differenti; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li iċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tal-injam mhux dejjem tappoġġja bl-aħjar mod possibbli l-oġġettivi superjuri tal-ġestjoni taż-żoni protetti. Għalhekk jirrakkomanda li jitqiesu dawn id-differenzi u l-ħtiġijiet tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

10. jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' foresti multifunzjonali li flimkien mal-ħidma prinċipali fil-qasam tal-produzzjoni tal-injam, joffru attivitajiet oħra ta' importanza partikolari kemm għall-foresti kif ukoll għall-ekonomija, bħaturizmu, attivitajiet ta' benesseri, konservazzjoni u divertiment, il-kaċċa kif ukoll il-ġbir tal-frott tal-foresti u ta' prodotti oħra tal-foresti (bħal-linfa, il-qoxra, is-sufra eċċ.); Huwa possibbli li wieħed ikabbar l-importanza ekonomika ta' attivitajiet mhux produttivi bħal dawn filwaqt li fl-istess ħin titwessa' l-bijodiversità tal-abitati naturali; dan isaħħaħ l-iżvilupp taż-żoni rurali;

11. jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-politika tal-foresti tal-UE;

L-aktar metodi effettivi biex il-bijomassa tintuża għall-iskopijiet tal-enerġija

12. jirrakkomanda li jiżdied b'mod sinifikanti l-livell ta' appoġġ mill-UE għat-tħawwil ta' siġar li jikbru malajr skont metodi ta' sostenibbiltà ambjentali għall-iskopijiet tal-enerġija li, bil-ħolqien ta' suq tax-xogħol addizzjonali, jgħin biex iż-żoni rurali jerġgħu jieħdu l-ħajja, u jista' jkun fattur ta' żvilupp ekonomiku ta' xi mikroreġjuni;

13. fid-dawl tal-mira tal-20/20/20, jenfazizza li l-Istati Membri għandhom jipparteċipaw f'ambitu wiesa' biex il-bijomassa tintuża għall-produzzjoni tal-enerġija ħalli jintlaħqu l-miri stabbiliti għall-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni totali tal-enerġija; madankollu, jenfazizza li l-iżvilupp tal-injam għall-enerġija għandu jkun punt ta' tħassib għar-reġjuni kemm mil-lat tal-provvista tal-karburant (ġestjoni speċifika tal-foresti fuq il-bażi tal-karatteristiċi taż-żoni) kif ukoll mil-lat tad-domanda (tħeġġiġ ta' suq lokali għall-karburant magħmul mill-injam min-naħa ta' operaturi privati u pubbliċi miż-żona);

14. jappella biex jiġi promoss aktar l-użu tal-bijomassa tal-foresti għall-produzzjoni tal-enerġija u biex il-Kumitat Permanenti dwar il-Foresti jappoġġja dan it-tip ta' azzjoni; madankollu jirrakkomanda li jittieħdu xi miżuri biex jiġi limitat il-proporzjon ta' friegħi u weraq mejta fil-bijomassa maħsuda;

15. jindika li l-livell ta' interess muri fil-produzzjoni u l-użu ta' bijoenerġija li ġeja mill-injam jiddependi mill-ambjent ekonomiku f'termini ta' tassazzjoni eċċ. fl-Istati Membri kif ukoll il-livell ta' sussidji għall-promozzjoni tal-użu tal-karburanti li ġejjin mill-injam u l-impotazzjoni ta' dan l-appoġġ. Dan isostenn jikkontribwixxi biex jithaff il-pass tal-iżvilupp fiż-żoni rurali u jwassal għall-iżvilupp sostenibbli tal-ambjent naturali f'dawn ir-reġjuni. Jappella lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-politika ta' taxa tagħhom ma titrattax il-bijokarburanti b'mod sfavorevoli meta mqabbla mal-karburanti fossili;

Żoni rakkomandati għall-azzjoni fil-Pjan ta' Azzjoni 2007–2011

16. jilqa' l-inizjattivi tal-UE biex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, li jiġġieldu kemm it-tibdil fil-klima kif ukoll it-telf ta' żoni li huma disponibbli għall-iffissar tad-dijossidu tal-karbonju;

17. jinnota b'sodisfazzjon l-effetti tal-iskema ta' monitoraġġ żviluppata għall-preżervazzjoni tal-foresti peress li l-istat ta' dawn il-foresti u l-vitalità tagħhom jistgħu jikkontribwixxu lejn rati ta' assorbiment għoli tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-istabbiltà fil-klima;

18. jiġbed l-attenzjoni għall-metodi ta' ġestjoni tal-foresti li dejjem qed jitjiebu f'numru ta' Stati Membri, fejn materjal organiku mejjet jittieħed għall-użu tal-bijoenġerġija b'mod raġonevoli, skont iċ-ċertifikazzjoni u r-regoli ta' Natura 2000, u b'hekk jgħinu fil-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti. Dan qed isir b'rispett xieraq lejn il-prinċipji ta' ekonomija sostenibbli u n-natura multifunzjonali taż-żoni forestali;

19. jilqa' sensiela ta' attivitajiet u inizjattivi politiċi tal-UE li jkun jobbligaw lill-Istati Membri li jgħibu l-politiki nazzjonali tagħhom dwar il-foresti konformi mal-oġġettivi tal-UE;

20. meta wieħed iqis li kopertura ikbar mill-foresti żżid l-assorbiment tas-CO₂, li għalhekk għandhom effett pożittiv fuq l-istabbiltà tal-klima tagħna, il-Kumitat tar-Reġjuni jirrakkomanda li jingħataw aktar fondi għaż-żamma u t-titjib tal-foresti attwali u għar-riforestazzjoni tal-art u l-proċessi tat-tiħwil u tal-indukrar fi ħdan il-qafas tal-politika ta' żvilupp rurali; f'dan il-kuntest jinsisti li dan l-appoġġ għandu jingħata bil-kondizzjoni li ma jwassalx għad-deterjorament tal-bijodiversità;

21. iqis il-fatt li f'ċerti pajjiżi jew reġjuni fl-UE, in-nirien tal-foresti jirrappreżentaw it-theddida ewlenija għall-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti, li jikkonsistu minn injam u art b'siġar żgħar jew arbuxelli (scrubland); barra minn kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli, dawn in-nirien huma r-riżultat ta' akkumulazzjoni eċċessiva ta' materjal li jista' jieħu n-nar minħabba l-użu limitat jew l-abbandun ta' żoni ta' foresti minħabba li ma joffrux profitti kbar; dan iwassal għal sitwazzjoni fejn in-nirien jilhqun intensità iktar qawwija u jkun iktar feroċi, u għaldaqstant biex dawn jintfew huwa estremament diffiċli. Huwa importanti li nipprovdu appoġġ għall-applikazzjoni tal-forestrija preventiva, li jfisser li żoni ta' foresti jsiru iktar reżistenti għat-tixrid ta' nirien billi jieħdu miżuri biex jitnaqqas u jinbidel il-materjal tal-pjanti li huwa kombustibili u jinħolqu u jinżammu strixxi tal-art vojta kontra t-tixrid tan-nirien (firebreaks). Il-bijomassa żejda minn dawn il-miżuri għandha tintuża għall-produzzjoni tal-enerġija rinovabbli, biex b'hekk tgħin fit-naqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂;

22. huwa tal-fehma li l-Istati Membri jridu jiġu mħeġġa biex ikomplu jiżviluppaw in-netwerk ta' monitoraġġ, filwaqt li jikkunsidraw l-esperjenza li s'issa kien hemm dwar il-monitoraġġ tal-ħsara li ssir min-nirien tal-foresti, l-infestazzjonijiet tal-insetti u tal-faqqiegħ u l-għargħar, li huma kollha ta' ħsara għas-saħħa u l-vitalità tal-foresti;

23. jirrakkomanda li l-Istati Membri u r-reġjuni li jdaħħlu politiki sostenibbli dwar il-foresti li jtaffu t-tibdil fil-klima jiġu appoġġjati. Għandha tingħata preferenza lill-inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali ffukati fuq l-introduzzjoni ta' inċentivi għan-negozji fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxa, sussidji għall-innovazzjoni, kuntratti preferenzjali għall-bejgħ ta' prodotti forestali, assistenza teknika u teknoloġika u sussidji għall-ħarsien ambjentali;

24. jirrakkomanda l-promozzjoni mifruxa tal-prodotti tal-injam, li tiżgura l-ħażna fit-tul tal-karbonju assorbit waqt il-proċess tal-assimilazzjoni tas-CO₂ mill-uċuħ tal-foresti, b'mod partikolari fil-kostruzzjoni;

25. jisħaq fuq il-ħtieġa li diġà ssemmiet, għal approċċ ta' politika transsettorjali li tkun ikkoordinata tajjeb fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, tal-UE u internazzjonali li tkun tista' tqis b'mod adatt l-iżviluppi globali, bil-ħsieb li r-riżorsi tal-foresti jiġu għestiti b'mod li huwa verament sostenibbli, filwaqt li l-istrateġiji għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jiġu integrati ma' miżuri xierqa ta' adattament. Għalhekk, jappella lill-UE biex tassumi aktar ir-rwol ta' tmexxija fil-komunità internazzjonali u jħeġġeġ lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jikkonformaw mal-obbligi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li ttieħdu fil-qafas tal-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kyoto u l-appoġġ għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima (Azzjoni Prinċipali 6 tal-Pjan ta' Azzjoni għall-2007–2011); jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jinħoloq Mekkaniżmu Globali tal-Karbonju tal-Foresti (GFCM) skont il-qafas tal-UNFCCC, ibbażat fuq skema ta' finanzjament permanenti, u jipproponi li sehem kbir mir-rikavat tal-irkantar tal-kwoti fi ħdan l-UE ETS jintuża fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

26. jindika l-ħtieġa li l-politika dwar il-foresti trid tiġi appoġġjata aktar, peress li hija marbuta mill-qrib mal-oġġettivi li tiżdied l-effiċjenza enerġetika b'20 % sal-2020 u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju; mill-banda l-oħra, dan hu marbut ma' kemm hi kbira l-arja li hi okkupata mill-foresti, li jiksu kważi 35 % tal-art fl-Ewropa; bil-għan li tintlaħaq din l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ser ikun essenzjali li jiġi appoġġjat l-użu termiku tal-bijomassa minflok il-produzzjoni tal-enerġija elettrika; sabiex dan jintlaħaq ser ikun neċessarju li miżuri ta' sorveljanza jinkludu informazzjoni dwar il-prestazzjoni dimjija tal-enerġija, peress li dan huwa l-użu l-iktar effiċjenti tal-bijomassa;

27. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hemm bżonn ta' aktar azzjoni biex jitrażżnu l-aġenti bijotiċi u abijotiċi, fosthom

dawk li joriġinaw mill-attività tal-bnedmin, kif inhu indikat fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Foresti għall-2007–2011;

28. jinnota l-eżistenza ta' firxa ta' soluzzjonijiet effettivi li ddaħħlu mill-UE, li għandhom ikomplu jiġu żviluppati, billi jitwessa' d-dibattitu biex jiġu inklużi u eżaminati l-ideat ġodda ta' esperti minn għadd ta' pajjiżi, partikolarment dawk li huma fl-avangwardja fil-foresterija, flimkien mar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali miż-żoni fejn dan is-settur huwa partikolarment importanti;

29. japprezza s-sehem importanti tal-MCPFE – il-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa – fl-identifikazzjoni u l-pubblicizzar tal-kwistjonijiet forestali madwar l-Ewropa, fosthom fl-UE, u jirrakkomanda kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' dan il-korp;

30. jirrakkomanda, li jibda x-xogħol ħalli l-attivitajiet transsettorjali tal-foresterija tal-Kummissjoni Ewropea jiddaħħlu f'qafas legali u strutturali adatt biex tkun possibbli ħidma koordinata fil-qasam tal-politika Ewropea dwar il-Foresti li tkun ta' importanza primarja wara li jiskadi l-Pjan ta' Azzjoni għall-2007–2011;

31. minħabba fin-natura transsettorjali tal-kwistjonijiet forestali, jirrakkomanda li tibda' l-ħidma biex jitwaqqaf korp responsabbli għall-politika tal-UE dwar il-foresti li jkollu l-istrumenti finanzjarji meħtieġa;

It-tilħiq tal-oġġettivi permezz tal-edukazzjoni

32. huwa favur il-kampanji edukattivi u ta' informazzjoni dwar il-ħarsien tal-ambjent, iżda jinnota li għadu ma sarx biżżejjed biex il-pubbliku jiġi sensibilizzat dwar il-vantaġġi ta' foresterija sostenibbli; Dan wassal biex fl-UE ma nftiehemx għal kollox kif din tista' tgħin l-iżvilupp taż-żoni rurali;

33. jirrakkomanda li jiżdiedu l-isforzi għal programmi edukattivi u ta' informazzjoni – b'mod partikolari dawk li jimmiraw kemm lejn is-sidien kif ukoll l-amministraturi tal-foresti – dwar il-foresterija sostenibbli u l-kontribut potenzjali li l-bijomassa tal-foresti tista' tagħti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-20/20/20;

L-appoġġ xjentifiku bħala kondizzjoni bażika biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti

34. ix-xjenza u l-foresterija għandhom rwol ewlieni fil-proċess ta' adattament għat-tibdil fil-klima billi jimmodifikaw il-prattiki marbuta direttament mal-kultivazzjoni tal-foresti, permezz tal-għażla tal-ispeċi tas-siġar adatti għal lokalità partikolari, u r-ritorn mill-ġdid ta' tipi ta' foresti li joffru flessibilità akbar quddiem it-tibdil fil-klima. Permezz ta' dan tista' tiġi affettwata b'mod konsiderevoli l-protezzjoni li joffru l-foresti tal-muntanji, b'mod partikolari, kontra l-perikli tan-natura;

35. jappoġġja l-inizjattivi ta' riċerka xjentifika li jesploraw il-potenzjal għall-enerġija ta' diversi speċi ta' siġar u l-metodi ta' kultivazzjoni tagħhom, l-adattabilità għal kundizzjonijiet klimatiki u ġeografiki differenti u t-titjib ġenetiku, li jwasslu għal livelli għoljin ta' bijomassa mill-foresti kemm għall-produzzjoni tal-injam kif ukoll għal skopijiet tal-enerġija, u li jagħmluha possibbli li jiżied l-ammont li jinħasad għaż-żewġ skopijiet; madankollu, fl-istess ħin għandhom jiġu analizzati u vvalutati b'mod sistematiku l-konsegwenzi ekoloġiċi wkoll;

Iċ-ċertifikazzjoni bħala parti minn foresterija sostenibbli

36. jaqbel għal kollox mal-inizjattivi kollha biex jintuża' l-injam u prodotti oħra tal-foresti li jiġu minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli. B'mod partikolari, dan japplika għall-materjal għall-enerġija u għall-materja prima. Jappoġġja wkoll iċ-ċertifikazzjoni biex tiżgura l-ġestjoni tajba taż-żoni tal-foresti u jwaqqfu d-dħul fis-suq ta' injam li l-orijini tiegħu mhijiex magħrufa; iżda jenfasizza wkoll ir-rwol ta' ġestjoni li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

37. jappoġġja l-isforzi għal ċertifikazzjoni globali tal-injam u l-prodotti tal-injam, bħalma hi l-inizjattiva FLEGT, li tikkumbatti l-qtuġh illegali tal-injam, jekk din tibbaża fuq is-sistemi ta' ċertifikazzjoni li bħalissa qegħdin fis-seħħ (PEFC jew FSC), kif ukoll inizjattivi oħra biex jintlaħaq ftehim dwar il-ġlieda kontra dat-tip ta' attività li, flimkien ma' miżuri oħra li jagħtu preferenza lill-prodotti li ġejjin minn kumpaniji ċertifikati, jistgħu jkunu mezz effettiv biex jitwaqqaf il-kummerċ ta' injam u prodotti tal-injam illegali;

38. iħeġġeġ li fil-livelli differenti tat-teħid tad-deċizzjonijiet jiġi kkunsidrat li tiġi stabbilita data għad-dħul tal-obbligu taċ-ċertifikazzjoni madwar l-UE;

Attività ekonomika marbuta mal-bijodiversità u l-multifunzjonalità tal-foresti

39. meta wieħed iqis li bijodiversità ikbar issaħħaħ ir-reżistenza tal-foresti, li tippermetti użu ikbar tal-potenzjal ta' dawn l-abitati, jinnota l-importanza li tingħata prijorità lill dat-tip ta' azzjonijiet (it-twessigħ tal-bijodiversità), filwaqt li jitqiesu b'mod dovut il-multifunzjonalità tal-foresti u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u għal dan il-għan jissuġġerixxi li t-tħawwil il-ġdid ikun ġestit fuq il-bażi tal-prinċipji tas-sostenibilità ambjentali li tiproteġi l-ħamrija, il-flora u l-fawna;

40. jenfasizza li l-foresti jgħinu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, *inter alia* permezz ta' ġestjoni multifunzjonali, peress li jaħżnu 77 % tal-karbonju tad-dinja fil-bijomassa tagħhom, u għandhom rwol fundamentali fiċ-ċiklu globali tal-karbonju, billi jirregolaw iċ-ċikli bijoloġiċi u jħarsu l-ħamrija u l-ilma; għaldaqstant, ikun impossibbli li jintlaħaq xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali jekk il-foresti ma' jingħatawx attenzjoni speċjali;

41. jitlob lill-Istati Membri u lill-Unjoni Ewropea biex fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Foresti, fl-2011, jagħtu spinta qawwija lis-settur tal-foresti u l-injam.

Brussell, 4 ta' Diċembru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE